# Beati u Qaddisin ...Frar

7 ta' Frar Beatu Piju IX

Ghalkemm tul il-pontifikat tieghu huwa impenja ruhu fil-pjan politiku, qatt ma nesa li jaqdi l-impenji tieghu spiritwali, konvint li hu responsabbli ta' dan id-dmir quddiem Alla. Iddefenda il-valuri kristjani. Pogga fil-prattika forom godda ta' kult u hajja spiritwali, bhal ma hija d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija lejn il-Qalb ta' Gesu u dik marjana. Ta spinta lil attivita' missjunarja fil-Asja u l-Afrika. Iddefenixxa d-domma ta' l-immakulata Kuncizzjoni u fetah il-Koncilju Vatikan I fejn iddefenixxa l-infallibilta' tal-Papa meta jkun jitkellem ex-Katedra. Kien id-disa' iben ta' Gerolamo Ferretti u Katerina Solazzi, minn familja nobbli.It-tifel kien fragli f' sahhtu u ghalkemm kien intelligenti u ta' qalb tajba kien ibati mill-epiplesija fi tfulitu. Wara li spicca l-istudji tieghu, talab biex jigi ammess fil-gwardi svizzera tal-Papa izda t-talba tieghu kienet rifjutata minhabba l-epiplesija. Studja f'Ruma u waqt dan iz-zmien il-marda spiccat minn fuqu. Wara li gie ordnat sacerdot fis-sena 1819, fl-10 ta' April, kompla tiela fil-karigi ekklesjastici. Kien ikkonsagrat



isqof ta' Spoleti fil -21 ta' Mejju 1827 u minn hemm sab ruhu arcisqof ta' Imola fis-17 ta' Dicembru 1832. Imlahhaq Kardinal fit-23 ta' Dicembru 1839 u elett bhala il-225 Papa fil-konklavi tas-sena 1846. Meta lahaq papa l-ewwel haga li ghamel kien li ta l-amnestija lil prugunieri politici. Kien l-ahhar Papa li zamm is-setgha temporali fuq l-istati papali. Dam jirrenja bhala papa mill-21 ta' Gunju 1846 sas-7 ta Frar 1878. Kien ibbejatifikat fis-sena 2000 mill-Papa Giovanni Pawlu II.